**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tmienja u Ħamsin (58)

## It-Tlieta, 15 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur Żgħażagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**58.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija. Il-Kunsillier Michael Camilleri informa lis-Segretarja li ma jistax jattendi. Dan ġie skużat minn dawk preżenti.

**58.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-Sebgħa u Ħamsin (57) laqgħa tat-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**58.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Laqgħa pubblika-*** Ma ġie hadd mill-pubbliku għall-laqgħa u għalhekk il-laqgħa ma saritx.

***Heaters***- Is-Sindku innota li inxtraw 2 electric heaters għal Kunsill u s-sala.

***Budget u Quarterly Report December 2018-*** Is-Sindku innota li dawn ser jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Frar.

***Insurance***- Is-Sindku innota li tħallset polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus tal-Kunsill. Is-Segretarja ser tara ukoll mal-kumpanija tal-Insurance tal-Kunsill rigward personal accident insurance fuq il-Ħaddiema kollha fuq gew u barra. Kien hemm qbil li dawn ikollhom insurance.

***Vacation Leave pendenti 2018 għal 2019***- Skrivan Peter Ray Said 116.50hrs u s-senior draftsman Saviour Xiberras 282.20 hrs. Kien hemm qbil li dawn is-sigħat jiġu fuq is-sena 2019.

***Performance Appraisals Segretarju Ezekuttiv u Skrivan***- Dawn ġew approvati unanimament. Segretarju Ezekuttiv 10% u Skrivan 6%.

***Disturbance Allowance* tas-Senior Draftsman** – Dan ġie approvat unanimament bl-ammont ta' 5% tal-paga tas-sena 2018.

***Kuntratti CWSEF-*** Dawn il-Kuntratti gew iffirmati u jibda jingħata bonus lil ħaddiema tal-CWS mis-sena 2019 għas-sena 2018.

***Dawl bozoz Triq l-Imgarr-*** Is-Segretarja innotat li ġiet informata bil-miktub minn naha tal-MGOZ li l-arbli ser jerġgħu jiġu installati minn naha tagħħom malli titlesta t-triq.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Nomination Manuel Camilleri-*** Is-Sindku innota li ġie innominat l-iskrivan tal-CWS mis-Sindku Edward Said u s-Segretarja għal Premju Ħaddiem tas-Sena.

***Kors tat-Taħrig tat-tifi tan-Nar u First Aid-*** Is-Sindku innota li għal kors tat-taħrig tat-tifi tan-nar ser jattendi l-iskrivan u għal kors tal-First Aid is-Segretarja***.***

**58.4. Korrispondenza.**

(6375) E mail minghand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Seminar

(6376) Ċirkulari AKL 2019/003- Talbiet jew applikazzjonijiet għal Devoluzzjoni li għandhom pendenti.

(6377) Ċirkulari AKL 2019/002- Personal Accident Policy

(6378) Ċirkulari AKL 2019/004- Laqgħa Plenarja

(6379) Ħatra ta' Direttur- Designate

(6380) Ittra mingħand Ministeru għall-Ambjent dwar sigar – Claim 39/02. Kien hemm qbil li tintbgħat ittra mingħand l-Avukat tal-Kunsill fuq dan peress li gew preskriti.

(6381) Circular no. 20/2018- Department of Contracts- 2019,2020,2021 Rates

(6382) Inizjattiva MCCF 2018

(6383) Stedina mingħand l-Arċipriet dwar kwadru

(6384) Ċirkualari AKL 2019/001- Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Regjuni u Kunsilli Lokali

(6385) Ċirkulari AKL 2019/005- Summit għall-membri żgħażagħ eletti

(6386) E mail minghand Local Government Division dwar network of towns

(6387) E mail mingħand Tourism and Economic Dev. Dwar Valentine in Gozo

(6388) E mail minghand Parliamentary Secretariat for persons with Disability and active ageing dwar disability networking event.

(6389) Talba ghal ghajnuna fuq short plays.

(6390) Ċirkulari No. 1/2019- Onorarju dovut lill-President u membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President tar-Regjuni u s-Sindku

(6391) Ċirkulari AKL 2019/006-Sessjonijiet ta' tahrig ghall-Fire Wardens u Kors tal-First Aid.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**58.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Is-Sindku innota li daħħlu xi fondi ta' sponsors li kienu tal-GSD tal-Karnival 2018 u tal-MGOZ fuq ic-Charter. Hu kompla jghid li għad fadal nircievu 15,000 fuq ic-Charter kif ukoll mingħand il-Greenpak għal Wirja Agrarja 2018.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- Solar engineering, Partita Terrace, Ray's Catering, Paul Mercieca, Go plc, Effie Mampalao, TC cleaning services, Gozo Recycling, RA Sons Ltd, Central Power Installation.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**58.6 Attivitajiet u Inizjattivi;**

***Karnival 2019***

*Pittura* **–** Is-Sindku innota li l-Pittura tal-Artist Paul Muscat intoġbot ħafna.

*Sotto Kumitat Karnival*- Is-Sindku innota li dan il-Kumitat iltaqa u beda ifassal dak kollu li hemm bzonn. Ġie deċiz li s-sound system ikun bhal tas-sena 2018.

Sponsors- L-isponsors għal-Karnival 2019 ser ikunu l-GSD, MGOZ u l-iskema tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

*Press Conference carnival*- is-Sindku innota li din il-Press Conference ser tkun fil-11 ta' Frar fejn ikun prezenti s-Sindku, Is-Segretarja, l-Ministru għal Għawdex u s-Segretarju parlamentari għal Gvern Lokali.

Kien hem qbil li jiġi ordnat roll up banner għal Press Conference u teħħel Banner tal-Karnival fi Triq tax-Xħajma għal reklamar. Is-Sindku innota li għal Karnival Organizzat ser ikun hemm il-Prezentaturi Dan u San, ħafna danez hilarious, zfin bil-kostumi, maskeruni, sketches spontanji u Ir-Re tal-Karnival. Din is-sena mhux ser ingibu Maltin jew Baned. Dan u San ġejjin bil-Bus il-Ħamis u l-Gimgħa ta' qabel il-Karnival Spontanju. DJ's ser ikunu Commander Jay, Pierre Cordina, Ron and Friends, Joe Spiteri, Micimago u Bjorn. Is-Sindku innota ukoll li ser issir laqgħa ma TM u s-Supretendent flimkien mas-Sindku u s-Segretarja dwar it-Traffic Management għal Karnival.

***Festa San Blas* 2019**- Din ser tinzamm fit-3 ta' Frar u ser tkun bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill bhas soltu.

***Ħarga Anzjani-*** Din ser tkun l-Erbgħa 16 ta' Jannar, b'quddiesa l-Għarb u ikel ix-Xlendi.

***Attivita' għat-Tfal***- Ġie maqbul li jkun hemm dawra għat tfal bit-train u wara jaraw film gewwa iċ-Ċinema.

***Open Market ta' Mejju-*** Ġie maqbul li dan ikun il-Ħadd 5 ta' Mejju qabel Mother's Day.

**58.7 Proġetti u Xogħolijiet;**

***Rural Roads* –** Il-Kunsill qed jistenna l-kont u c-certifikat mingħand il-Perit biex imbghad jingħalaq kollox sa qabel Marzu 2019.

***Triq Zrajk*** – Din it-Triq inħareg il-permess u ser tinbeda fil-granet li gejjin.

***Railings Kenuna*** – It-tender inħarget u qed nistennew l-approval mingħand UIF fuq dan.

***Safety Mats u Outdoor Gym-*** Ser jinbeda x-xogħol fil-granet li gejjin.

***Ground***- Il-Perita tal-Planning Authority għamlet site visit u għandhom jinħargu l-flus dilwaqt lil Kunsill. Il-Kunsill imbgħad iħallas il-Kuntrattur.

**58.8 Offerti Pubblici;**

**Mozzjoni Persuni fuq Bord** – Is-Sindku pprezenta din il-mozzjoni: "Lura fil-laqgha numru 25 ta' din il-legislatura, il-Kunsill Lokali waqqaf il-Bord ta' Evalwazzjoni ghall-offerti pubblici, liema Bord dejjem qeghda il-funzjoni tieghu b'mod tajjeb. Bi qbil bejn il-Kunsilliera dan huwa kompost minn William Sultana, Sue-Ellen Bugeja, Joe Chircop, Raymond Vella u Ines Buttigieg, b'sostituti li jinkludu lil Paul Mercieca, Joseph Azzopardi u Michelle Camilleri. Qed nitlob li jkun hemm qbil mill-gdid dwar dawn il-persuni." Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issekondat din il-Mozzjoni u kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha prezenti.

**Live Streaming –** Ingabru tlett kwotazzjonijiet peress li ma hemmx bzonn apparat. L-orħos kwotazzjoni kienet ta' Paul Portelli bl-ammont ta' €2,190.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**NLC/19/2018 Tender for the Supply of water and watering of Public gardens/soft areas in the locality of Nadur –** Kien hemm offerta waħda ta' Sammy Attard li ma ġietx rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni peress li ma kienx hemm ċertifikat u kellha taqa'. Din l-offerta ser ikollha terġa tinħareg. Bhalissa l-Kunsill mhux juza s-servizz tat-tisqija ta' ilma peress li x-xitwa.

**NLC/20/2018 Service of an Accountant for Nadur Local Council-** Din l-offerta ma gietx rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni peress li kollha kienu over budget u wieħed mhux compliant. Is-Sindku ippropona li servizz ta' Accountant jingħata b'direct order ghal sitt xhur u imbaghad jiddeċiedi kunsill gidd dwar din il-materja, sabiex ahna nkunu f'posizzjoni li ngħalqu s-sena u l-financials minghajr problemi. Kien hemm qbil fuq dan min dawk prezenti.

**NLC/18/2018 Tender for the maintenance in an environmentally friendly manner of Public convenience in North Street**- Kien hemm offerta waħda ta' Chris Cardona bl-ammont ta' €6,192 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

**NLC/21/2018 Quotation for lighting of central streets during Carnival 2019**- Kien hemm offerta waħda ta' D Illumination bl-ammont ta' €1,850 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni

**NLC/24/2018 Quotation for street cleaning during Nadur Carnival 2019-** Kien hemm offerta waħda ta' Maria Magro bl-ammont ta' €4,100 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni

**NLC/22/2018 Quotation hire of mobile toilets for Carnival 2019-** Kien hemm zewġ offerti. L-orħos waħda kienet u konformi kienet ta' Franco Scicluna bl-ammont ta' €15/mobile toilet excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

**NLC/23/2018 Tender for the provision of and operation public address system and DJ services during Nadur Carnival 2019-** Kien hemm zewġ offerti. L-orħos waħda ta' High End Sound bl-ammont ta' €9,000 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 58.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

Talba għal permess ta' Tieġ fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot fl-Awissu. Is-Sindku innota li hu mhux ser jidħol aktar responsabbli għal dawn il-permessi peress li qed ikun hemm ħafna tgergir mill-pubbliku li jagħmlu uzu min din il-Bajja. Is-Segretarju u s-Sindku qed jispiċċaw b'responsabbilita' li mhux tagħhom fuq organizzazzjoni tat-tieġ. Kien hemm vot unaminu minn dan il-Kunsill preżenti li ma jintlaqgħux talbiet simili sabiex jingħalaq l-aċċess tal-bajja għal pubbliku għal attivitajiet privati.

Talba għal 35 kantun u jarda sement fi Triq Wied Rihan. Kien hemm qbil.

Talba biex tinqala' Sigra fi Triq it-Tigrija minhabba bini gdid. Kien hemm qbil u ser tiġi sottomessa applikazzjoni mill-Perit tal-Kunsill.

Talba għal Yellow lines quddiem ta' Kenuna Restaurant. Is-Segretarja ser tibgħat talba lil TM fuq dawn.

Talba għal Bozza gdida fi Triq Tramuntana. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarja ser tara ukoll mal Kuntrattur jekk jistax isir tip ta' Fanali fir-roundabout fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel reminder fuq hajt fi Triq Buskett.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel reminder rigward cement ma' bankina fi Triq tad-Duru u reminder fuq biex jitranga passaġġ.

Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar rigward ħitan imwaqqa' fit-Triq ta' San Blas. Is-Sindku innota li dawn kienu inbnew mill-ħaddiema tal-gvern u reggħu waqgħu bil-maltemp. Is-Segretarja ser terggħa tinforma b'talba tal-customer care. Hi għamlet reminder ukoll rigward ħofra fi Triq Xandriku. Ser jaraw il-ħaddiema fuq din.

## 58.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Gimgħa 15 ta' Frar, 2019 fit-3:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |